

Brussell, 26 ta' Settembru 2025
(OR. en)

13166/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0066 (NLE)**

**ASIE 36
RECH 407**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar it-tiġdid tal-Ftehim għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja - Adozzjoni

1. Fis-26 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim¹ għall-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indja.
2. Wara l-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka (Kwistjonijiet Atomiċi) fit-3 ta' April 2025 u konsultazzjoni sussegwenti bil-miktub, il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qabel mal-proposta.
3. Fl-22 ta' Mejju 2025, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
4. Fis-sessjoni Plenarja tiegħu tal-10 ta' Settembru 2025, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-Ftehim.

¹ ĠU L 213, 9.8.2002, p. 30–37

5. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, f'parti "A" ta' sessjoni li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u li tinsab fid-dokument 8080/25.
-